MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 808/2002

**Esther Vella**

**vs**

**Francis Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti Esther nee' Sghendo u Francis Vella kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fis-6 t'Ottubru 1990 fil-knisja Parrokkjali ta' San Gwann.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Illi ser jirrizulta li l-konvenut ma riedx li jkun hemm tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-artikoli relevanti taht l-**Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti Esther Vella nee’ Sghendo u Francis Vella debitament ikkuntrattat fis-6 t’Ottubru 1990 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b’terminu ta’ sittin (60) gurnata.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-9 ta' Jannar 2003 fejn talbet li l-konvenut jigi nnotifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u dik tal-affissjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 10 ta' Jannar 2003 fejn laqghet it-talba b'dan li n-notifika ssir *ai termini* tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 f'gazzetta lokali wahda.

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li saret il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali, kopja ta' liema giet pprezentata minn Dr. Mark Busuttil ghall-attrici. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'sittin (60) gurnata ohra; u tat-2 t'April 2003 fejn il-Qorti regghet tat l-ahhar estensjoni ghall-prezentata tal-istess b'erbghin (40) gurnata ohra.

Rat in-nota tal-attrici datata 13 ta' Gunju 2003 li permess taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 29 t'Ottubru 2003.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat permezz tal-pubblikazzjoni, il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Esther Vella** permezz tal-affidavit taghha xehdet illi:-

*"Illi l-esponenta ilha mizzewga lill-konvenut ghall-cirka tmintax-il sena.*

*Illi qabel l-esponenta zzewget lill-konvenut kien hemm gherusija ta' cirka sena u tmien xhur. Hu relevanti li*

*wiehed jindika li hemm differenza ta' tmien snin bejn l--esponenta u l-konvenut.*

*Illi l-perjodu ta' l-gherusija kien ta' ngann da parti tal--konvenut, u dan qed jinghad peress li meta sar l-att taz--zwieg, u in partikolari kemm ilhom il-partijiet separati sia de facto u de jure, l-esponenta qed tirrealizza li l-konvenut mhux biss ma kienx onora l-obbligi tieghu, imma qatt ma kien kapaci li jonorhom u dan kif se jigi spjegat aktar 'il -quddiem.*

*L-esponenta tibda biex tghid li hi kellha biss sittax-il sena meta bdiet tohrog mieghu u li ma kenitx matura bizzejjed biex tidhol ghal dan l-att. Illi l-esponenta fil-fatt kienet taht cert pressjoni morali biex tidhol ghal dan l-obbligu u dan meta l-konvenut kien indika lill-esponenta li jekk tabbandunah hu kien lest li jikkommetti suwicidju. Fil-fatt dan ma kienx veru u kienet sempliciment il-'bluff' da parti tal-konvenut u stante li l-esponenta kienet relattivament immatura, emmnet fis-shih il-konvenut.*

*Il-konvenut Francis Vella qatt ma kien responsabbli la mieghu nnifsu imma partikolarment mal-famlja. Dan nista' nghidu peress li wara z-zwieg, sirt naf li hu kien ghamel zmien jiehu d-droga u dan ghal perjodu ta' cirka hdax-il sena qabel iz-zwieg. Illi di piu dan il-vizzju kompla anke waqt iz-zwieg fejn jidher li jekk wiehed jara l-kondotta tieghu kien ukoll 'pusher'. Inzid ukoll li hu kellu kondotta hazina mal-pulizija, liema aspetti nista' niddikjara li ma kontx naf qabel iz-zwieg.*

*Fil-fatt nista' nghid li sabni harufa ghal snienu.*

*Barra li ghamel snin fuq id-droga qabel iz-zwieg hu rega' waqa' vittma taghha 1996, u specifikatament sentejn qabel ma sseparajna fl-1998. Hu kien imur id-detox ghall-kura fejn kien taht it-tabib Vella. Kien juza atti ta' vjolenza fuqi fejn bhala konsegwenza kemm-il darba mort l-ghassa ta' tas-Sliema ghall-ajjut jew biex naghmel rapport. Inzid ukoll li darba spiccajt l-isptar bi 'fractured cheekbone' fuq il-lemin ta' wicci u bi 'black eye' ghal aktar minn xahrejn. Fil-fatt Father Emanuel Mallia li kien qaddes quddiesa ta'*

*Zwieg skanta bil-’black eye’ u ra li sitwazzjoni kienet wisq imweghra.*

*Il-vjolenza li hu kien juza fuqi kien jestendiha ukoll ghat-tfal fejn kien jorbothom mas-siggu bic-cintorin u jsawwathom bic-cintorin fuq gisimhom. F’okkazjoni partikolari, indahlet l-Ispettura Marisa li kienet fis-sezzjoni tad-drogi fejn nizzlet it-tfal il-‘polyclinic’ u dan wara li giet taghmel tfittxija ghad-droga.*

*Inzid ukoll li hu jbaghti minn ‘depression’ u jidher li din d-dipressjoni hi kawza tal-problema li kellu u ma niskantax jekk nghid li ghad ghandu l-istess problema sal-lum: Dok “A “ u “B.*

*Illi apparti minn din il-problema tad-droga l-konvenut ghandu l-vizzju ikrah li jara ‘blue films’ u jhobb is-sess b’mod xellerat. Inzid ukoll li l-esponenta kien ikollha xi tghid mal-konvenut ghax kien jinkoraggixxi lill-ulied minuri jaraw nisa gharwenin fil-fllms bl-iskuza banali li ghad ikollhom l-opportunita maz-zmien.*

*Il-vizzji l-ohra li kien u ghad ghandu pero’ li ma kontx naf bihom hu tax-xorb. Meta nghid hekk, ma kienx isibha difficli li bit-tfal minuri taghna kien johrog maghhom fil-karozza xurban u jsuq 120 ‘miles per hour’.*

*Il-vizzji tieghu jestendu wkoll ghall-loghob. Biex imur bil-habi l-Casino u ma jsibhiex difficli. Dan qed nghidu ghax ma kienx jinkwieta biex ihalli l-familja fil-bzonn u kien bil-fors itini ghoxrin lira fil-gimgha ghall-hajja u kemm-il darba kien joqghod jippretendi spjegazzjoni kif kont nonfoqhom dawn il-flus. Fl-istess hin kien jippretendi hafna. Hu ma kellu l-ebda rispett lejn it-tfal u partikolarment lejn l-esponenta, meta din ta’ l-ahhar ma kellhiex triq ohra ghajr li tohrog tahdem bil-hinijiet twal ta’ ‘waitress’ biex tmantni u zzomm il-familja. Dan l-aspett ta’ l-ahhar, il-konvenut sabu komdu fejn kien jipprova jiehu l-flus mill-esponenta u fl-istess hin kien johodha bil-lajma.*

*Illi l-genituri ta’ l-esponenta kienu jghidu li l-konvenut ma kienx addattat ghaliha u li kienet se tidhol f’bahar ta’*

*ghawg u nkwiet mieghu. Iz-zmien tahom ragun imma l--innocenza ta' l-esponenta serviet biex l-istess esponenta ma tirrealizzax li l-parir kien ghaqli.*

*Illi n-nuqqas ta' sens responsabbli da parti tal-konvenut jirrizulta mill-fatt ukoll li l-konvenut kemm-il darba kien imur ma' nisa partikolarment barranin. Dan qed jinghad ghax l-istess konvenut ma sab ebda diffikulta biex jaghmel xi seba' xhur l-Ingilterra ghand hbieb tieghu minghajr ma jaghti kaz ghall-familja tieghu u jaghti l-manteniment ghall-anqas ghal uliedu.*

*Il-verita' hi li l-esponenta qatt ma habbet lill-konvenut u li hi fil-fatt ma riditx tfal minnu. Dan jista' jinghad ukoll ghall-konvenut li ma kienx fil-fatt ihobb l-esponenta u l-ulied biex b'hekk jista' jinghad li l-kunsens ta' dan iz-zwieg kien gidba.*

*L-uniku konsolazzjoni li l-esponenta ghandha f'din ir-relazzjoni hi t-tfal li twieldu bhala frott ta' din ir-relazzjoni".*

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Francis Vella** fl-affidavit tieghu sostna illi:

*"Jiena u Esther bdejna nohorgu flimkien fl-1988. Esther kellha xi (16) sittax-il sena u jiena kelli (25) hamsa u ghoxrin sena. Il-genituri ta' Esther ma tantx kienu laqghuni tajjeb fil-familja taghhom minhabba illi ahna ta' partit politiku differenti. Missierha kien ta' spiss jinsolentani u jipprova jwaqqaghni ghac-cajt minhabba fil-kulun politiku tieghi. Jiena da parti tieghi kont nipprova nzomm il-kwiet u ma nghidlu xejn. Il-genituri ta' Esther kienu qed jaghmlulha l-hajja difficli hafna u dak kollu li taghmel kienu jqisuh bhala hazin.*

*Il-genituri taghha kienu qed jaghmlulha kull ostaklu biex hi ma tkomplix fir-relazzjoni mieghi u bl-ebda mod ma' riduha tizzewweg. Esther kienet xebghat tghix f'din it-tip ta' hajja u ghalhekk iddecidejna illi nizzewgu halli nibdew hajja ghalina.*

*Jiena u Esther izzewwigna fis-6 ta' Ottubru 1990. Ahna krejna post gewwa l-Gzira. Wara sena ta' zwieg ahna kellna l-ewwel tarbija taghna Fabio. Minn wara li ahna kellna t-tarbija l-karattru ta' Esther beda jinbidel, hija kienet tkun dejjem imdejqa. Esther kienet taghmel ix-xenati minn kull haga ta' xejn, niftakar illi darba ghax ma setghatx issib il-'Panadol' ghamlet xenata u qabdet it-telefon u tatni daqqa bih. Esther kienet traskunata kemm f'persuntha kif ukoll fid-dar. Hjja lanqas biss kienet issajjar u ta' spiss konna nieklu xi 'take away' bhal xi pastizzi u timpani. Id-dar kienet tkun ta' taht fuq u meta kienet tigi ommha tara l-'baby' kienet taqbad tnaddaf hi meta tara l-imbarazz. Esther ma kenitx taghti l-attenzjoni necessarja lit-tanbija u mhux l-ewwel danba illi kienet thallih hin twil bil-harqa jibki.*

*Meta kont nistaqsiha l-ghaliex kien ikollha d-dwejjaq u ma kenitx tiehu hsieb id-dar hija kienet tghidli illi kienet imdejqa tghix fil-post il-ghaliex kien zghir. Biex nikkuntentaha jiena kont ippruvajt infittex xi post iehor fil-fatt ftit wara xtrajna 'flat' bi tliet kmamar tas-sodda. F'dan il-perjodu twieled it-tieni tifel Carlos. Esther minkejja illi konna biddilna l-post u issa kellna tarbija ohra xorta baqghet kif kienet, jigifieri baqghet imdejqa u traskurata. Anke fin-rapporti ntimi ta' bejnietna Esther ma kenitx tersaq lejja b'imhabba imma kienet qisha qed taghmel xi haga bil-fors. Hija dejjem kienet tkun pronta b'xi skuza jew li rasha tugaghha jew li zaqqha tugaghha jew xi haga ohra.*

*Darba wahda kont sibt karta fuq il-komodina taghha li kien fiha numru ta' telefon u PS 1451 miktuba fuqha. Ghalhekk bdejt nissuspetta illi Esther kien qed ikollha xi relazzjoni ma' ragel iehor. Jiena kont ikkonfrontajt lil marti b'din il-karta u meta hija ratha f'idejja pprovat tehodhieli. Jiena hallejtha u hi qabdet u tefghetha go halqa u belghatha. Jiena kont cempilt fuq dak in-numru ta' fuq il-karta u kien kellimni certu Chris maghruf bhala l-Ingliz. Huwa kien qalli illi gieli kien hareg ma' Esther jiehu xi 'drink' u jiena kont ghidtlu illi Esther hija l-mara tieghi u li ahna kellna zewgt itlal u ghallinqas jekk ma jirrispettax lili jirrispetta z-zewgt*

*itfal taghna. Dan Chris beda jipprova jwaqqaghni ghaccajt u qalli "allura lanqas 'hello' ma nista' nghidilha?"*

*Ftit zmien wara dan l-incident kienet avvicinatni persuna illi qaltli li Esther kellha relazzjoni ma' persuna fuq ix-xoghol taghha, certu wiehed David Roberts. Fil-fatt Esther kienet qeghda iddum barra wara x-xoghol, ir-'restaurant' fejn kienet tahdem kien jaghlaq fil-hdax izda hija kienet tirritorna f'xi s-siegha jew is-saghtejn ta' fil-ghodu. Meta jiena kont incempel halli nara jekk ghadhiex ix-xoghol kont insib li r-'restaurant' kien maghluq. Jiena darba kont mont fuq ix-xoghol taghha biex inkellem lilha u lil David. Meta jiena kont staqsejtha l-ghaliex hija kellha relazzjoni ma' David hija kienet qaltli quddiem David stess illi hija kienet thobb lil David u riedet titlaq mid-dar. David stess kien ipprova jirranga r-relazzjoni taghna izda Esther kienet theddu illi kienet ser tnehhi hajjitha.*

*Fil-15 ta' Dicembru 1998 jiena u Esther isseparajna bonarjament. Fuq parir mediku u tal-familjari tieghi f'Novembru tal-1999 jiena kont sifirt Londra peress illi kont qed insofri minn 'depression' qawwija minhabba illi ma flahtx nara l-mara tieghi ma' ragel iehor. Jiena kont domt seba' xhur Londna ghand il-familjari tieghi. Wara sitt xhur li domt hemm Esther bdiet iccempilli u tghidli li kien iddispjaciha ta' dak li kienet ghamlitli u biex jiena nerga' lura. F'dan iz-zmien it-tfal kien qeghdin go stitut u jiena kont incemplilhom darba jew darbtejn fil-gimgha u anke nibaghtilhom xi rigali. Pablo stess kien qalli li ommu kienet tridni mmur lura. Fil-fatt jiena kont inzilt lura u jiena u Esther ergajna ltqajna. Jiena kont ridt nohrog it-tfal mill-Istitut izda Esther ma qablitx ma' dan u riedet thallihom hemm tliet xhur ohra.*

*Esther kienet qaltli biex incempel lil David u nghidlu illi hija ma riedetx tibqa' tohrog mieghu. Fil-fatt jiena kont cempiltlu u ghidtlu. Izda wara ndunajt illi Esther kienet biss qed tuzani l-ghahiex hija diga' kellha relazzjoni ma' certu Mario Debono minn Burmarrad. Ghalhekk ahna ergajna nfridna u Esther marret tghix ma' Mario. F'dan il-perjodu jiena ergajt waqajt f'depression qawwija ghaliex hassejt illi*

*marti kienet regghet ittradietni u minhabba f'hekk kelli niehu kura psikjatrika ghand il-Psikjatra Abraham Galea.*

*Wara xi sena li Esther damet ma' Mario hija regghet bdiet iccempilli biex nergghu ninghaqdu flimkien. Hija kienet qaltli biex incempel lil Mario u nghidlu li hi ma riditx tibqa' tohrog mieghu u hekk kont ghamilt. Ahna ergajna bdejna r-relazzjoni taghna u konna nghixu xi drabi fil-post tieghi tal-Gzira u drabi ohra fil-post li xtrat hi f'San Pawl. Wara xi hmistax li konna ilna flimkien jiena sirt naf illi Esther bdiet tohrog ma' certu wiehed Hasan li kien ta' nazzjonalita' Egizzjana. Ghalhekk jiena u Esther ergajna nfridna u dan Hasan ghadu sal-lum il-gurnata jghix ma' Esther fil-'flat' taghha".*

Illi l-konvenut ipprezenta wkoll l-affidavit ta' **David Roberts**.

**<u>(ii) Principji Legali.</u>**

Illi l-attrici tissottometti li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** li jaqraw hekk:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta'*

*diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibbilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia' Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995 ).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja' nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non*

*si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** *–* ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra *sive* Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (*ara,* **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995*).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (****"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"****, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini**,* d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'*

*affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid ***Bersini**, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu".*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002); **“Willam Cauchi vs Claire Falzon”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Marzu 2003); **“Jan Griscti vs Daria Griscti”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Gunju 2003); **“Marianne Borda vs Anthony Aquilina”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2003); **“Aldo Chetcuti vs Rita Chetcuti”** (P.A. (RCP) 3 ta’ Gunju 2003 fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

***19 (1) (f)*** *“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm

enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Carmen Camilleri vs Anthony Camilleri"** (P.A. (RCP) 29 ta' April 2003) *"illi f'dan is-sub-artikolu l-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom"*

Illi l-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale".*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza **"Marica Mizzi vs Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002 *"ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament*

*allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata".*

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta"*'. (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002) *"l-ligi fl-* ***artikolu 19 (1) (f)*** *taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta lejn il-parti l-ohra".*

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* (***O. Giacchi*** – **"Il consenso matrimoniale canonico"**).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP); **"Josephine Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002; **"Marica Mizzi Mario Scicluna"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002; **"Shirley Greengrass vs Stephen Said"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003) u diversi ohrajn moghtija minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta l-partijiet meta zzewgu kellhom differenza ta' tmien snin bejniethom, tant li meta bdiet tohrog mal-konvenut l-istess attrici kellha biss sittax-il sena u jirrizulta wkoll li l-attrici fil-mument taz-zwieg kellha difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga tant li kienet tant immatura li ma gharfitx li l-konvenut ma kienx bniedem serju, u dan *nonostante* l-fatt li mill-ewwel l-konvenut ura lill-attrici x'kienet ser tkun il-hajja mieghu, fis-sens li kien jiehu d-droga, kien ihobb jixrob, kellu l-vizzju tal-loghob u fuq kollox kien isawwat lill-attrici, tant li fl-affidavit hija sostniet li kemm-il darba kellha taghmel

rapporti fil-konfront ta' zewgha li sahansitra kissrilha c-*'cheekbone'*.

Illi mir-rakkont li pprezentat l-attrici jidher car li hija persuna, li forsi kawza ta' dak kollu li jidher li sofriet fir-relazzjoni taghha ma' zewgha, kienet u ghadha mhawda, u il-mod kif gie redatt l-istess affdavit jindika b'mod mill-aktar palez li l-attrici lanqas ghandha l-ideat cari, ghaliex filli tkun qed titkellem fuq haga filli tibda titkellem fuq haga ohra; hekk per ezempju f'mument tkun qed titkellem dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut qabel iz-zwieg, u f'mument iehor titkellem fuq il-konvenut fir-relazzjoni tieghu maghha wara z-zwieg.

Illi fuq kollox pero' jidher li l-istess attrici kienet suggetta tul il-hajja taghha mal-konvenut ghal diversi abbuzi nkluz swat, adulterju kommess minn zewgha, abbuz bid-droga, abbandun *da parte* tal-konvenut, u wkoll atti oxxeni u degradanti minnu li sfortunatament espona ghalihom mhux biss lill-attrici izda aghar u aghar lill-ulied tal-istess kontendenti.

Illi huwa mpossibbli li timmagina li dan kollu hareg biss waqt iz-zwieg, meta huwa ammess mill-attrici li l-konvenut kellu hafna minn dawn il-vizzjijiet kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg, pero' dak li jidher li nfluwenza lill-attrici sabiex taghmel dan il-pass ta' zwieg ma' bniedem daqshekk irresponsabbli, anke ghalih innifsu, ahseb u ara ghal haddiehor, kien il-fatt li l-istess konvenut kien jghidilha li jekk ma tizzewgux huwa kien ser jikkometti suwicidju, u ghalhekk anke sforz l-immaturita' kbira tal-attrici, hija hadet dan il-pass meta jidher car li l-istess attrici kellha d-diskrezzjoni taghha ta' gudizzju vvizzjata, *stante* li certament ma kenitx qed tiddeciedi bil-liberta' li decizjoni bhal din kienet tirrikjedi, u l-konvenut abbuza certament minn din in-nuqqas ta' maturita' tal-attrici, u f'dan is-sens l-istess attrici tghid li hassitha ngannata.

Illi da parte tal-konvenut jidher car li huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jagixxi ta' ragel ta' familja, u in verita' lanqas kien kapaci jagixxi bhala ragel sew; kellu diversi difetti meta zzewweg fis-sens li kien jiehu d-droga, kien ibaghti

minn 'depression', kien jixrob u kien jilghab; minn dawn il-vizzji kien hemm minnhom li wera bihom lill-attrici u ohrajn le, izda fuq kollox u dak li huwa relevanti ghall-fini ta' din il-kawza huwa l-fatt li l-istess konvenut ma wera l-ebda impenn sabiex jirrispetta lill-attrici u lill-frott tieghu, tant li baqa' bl-istess difetti, ghex ghal rasu, haqar lill-attrici u anke lil uliedu fejn issoggettahom ghall-vjolenza domestika, u wkoll ghamel fl-opinjoni ta' din il-Qorti atti ta' korruzzjoni anke vis-à-vis uliedu; dan kollu juri li l-atteggjament tal-konvenut kien konsistenement negattiv f'dan iz-zwieg. Din il-Qorti thoss li din hija prova cara li l-konvenut qatt ma kien lest li jaccetta fl-ebda mument tal-hajja tieghu mal-attrici, u allura lanqas fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, li jaddotta li jghix skond l-elementi essenzjali taz-zwieg, anzi jidher li dawn eskludihom mill-ewwel, peress li jirrizulta li lanqas biss tentattiv ma ghamel sabiex jirrispetta lil martu u lil uliedu. Fuq kollox il-principju ta' rispett, is-sentimenti ta' mhabba u fedelta' u d-dover ta' responsabbilta' lejn martu u wkoll lejn uliedu kienu mankanti ghal kollox, u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi tal-vizzju ta' kunsens *da parte* tal-konvenut skond id-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fuq kollox dak li mpressjona lill-Qorti f'dan iz-zwieg hija l-liberazzjoni tal-attrici minn din il-hajja krudili li l-konvenut issoggetta ghaliha u ghal uliedha, u jidher li l-attrici striehet biss meta hija sseparat lill-konvenut fis-sena 1998 u allura anke helset lil uliedha mill-iskandli li kienu jaraw mil-konvenut, anke f'dak li huwa swat ta' ommhom minnn zewgha u missierhom.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, minhabba difett fil-kunsens tal-attrici a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u kawza ta' vizzju fil-kunsens tal-konvenut abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti Esther Vella nee' Sghendo u Francis Vella fis-6 t'Ottubru 1990 huwa null u bla effett ghall-fininijiet u effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------